**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Novembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 299/2021 AL

**A B**

**vs.**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 17 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

*1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet, nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħatax (2014), twieled il-minuri E D B.*

[1] Fol. 1.

*2. Illi l-minuri E D B jirrisjedi mal-omm, l-esponenti. Illi l-missier C D m'huwiex prezenti fil-hajja tat-tifel u dan kif se jigi provat waqt dawn il-proċeduri.*

*3. Illi l-esponenti assumiet waħedha r-responsabilitajiet kollha ta' genitur, u dana kif se jigi provat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri. Il-missier ma jivversa l-ebda manteniment versu ibnu E D B, u għalhekk, l-ispejjeż kollha konessi mat-trobbija tal- minuri huma assunti kollha mil-Omm.*

*4. Illi permezz ta' digriet fl-atti tal-medjazzjoni numru 183/21 datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), dina l-Onorabbli Qorti ordnat illi pendete lite l-esponenti tkun fdata bil-kura u kustodja tal-minuri E D B, kif ukoll bil-fakolta' illi l-omm waħedha tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha ta' saħħa u ta' edukazzjoni fil-konfront ta' binha minuri E D B.*

*5. Illi l-esponenti hija awtorizzata illi tipproċedi bir-rikors guramentat odjern permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru, tas- sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), kopja annessa u mmarkata Dok A.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilmenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi jogħġobha:*

*1. Tafda is-setgha esklussiva ta' genitur tal-minuri E D B f'idejn ir-rikorrenti.*

*2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E D B f'idejn ir-rikorrenti, filwaqt li tikkonferma illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-Omm.*

*3. Tordna illi d-deċiżjonijiet kollha, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja rigwardanti it-trobbija, saħħa, edukazzjoni, attivitajiet extra- kurrikulari tal-minuri kif ukoll dawk id-deċiżjonijiet rigward domicilju, safar u ħrug u tiġdid ta' passaport tal-minuri jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti, u mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat.*

*4. Tilikwida u tiffissa manteniment għall-minuri, liem manteniment għandu jinkorpora wkoll is-sehem tal-missier għal nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra- kurrikulari tal-istess minuri, liem manteniment għandu jkun pagabbli sakemm l-istess minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.*

*5. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.*

*6. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi depositat f'kont bankarju indikat mill-esponenti.*

*7. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli illi jħallas arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjez ta' saħħa u edukazzjoni (u attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-kaz) minnu mhux imhallsa, kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, u dan kif se jigi provat f'dawn il-proċeduri.*

*8. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjez ta' saħħa u edukazzjoni (u attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-kaz), kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, mhux imħallsa mill-intimat.*

*9. Tikkundana l-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u (attivitajiet extra-kurrikulari jekk ikun il-kaz), kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, minnu mhux imħallsa.*

*10. Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri E D B, jingħata lir-rikorrenti.*

*11. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri E D B.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2021,[2] fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2022[3] fejn il-Qorti ddikjarat lill-konvenut kontumaċi wara li ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u ma deherx u ma preżentax risposta u ħatret lil Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju biex tisma biss il-provi attriċi;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2023[4] fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju *stante* li din ġiet elevata għall-Maġistratura u ssostitwitha bl-istess inkarigu u fakultajiet b'Dr Marita Pace Dimech;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[5]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[6]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[2] Fol. 7.
[3] Fol. 21.
[4] Fol. 55.
[5] Fol. 178.
[6] Verbal tat-2 ta' Mejju 2024 a fol. 177.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex din tafdalha f'idejha s-setgħa esklussiva ta' ġenitur u l-kura u kustodja tal-minuri E D B, binha li twieled minn relazzjoni li hija kellha mal-konvenut. Hija titlob illi l-Qorti tikkonferma li r-residenza tal-minuri tkun ma' ommu u li hija tieħu kull deċiżjoni ta' natura ordinarja u straordinarja rigward it-trobbija tat-tifel weħedha mingħajr il-kunsens tal-missier filwaqt li tiffissa manteniment xieraq għall-minuri f'forma wkoll ta' arretrati, li l-Qorti tordna li kull benefiċċju/għajnuna soċjali pagabbli lill-minuri jkunu perċepibbli eskussivament minnha u kif ukoll titlob sabiex tingħata l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

Minn naħa tiegħu l-konvenut missier għalkemm debitament notifikat ma ppreżentax risposta ġuramentata u kien assenti f'dawn il-proċeduri.

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:</u>*

1. *<u>L-attriċi tippreżenta affidavit</u>* illi permezz tiegħu tgħid illi meta kellha għoxrin sena ltaqgħet ma' ġuvni u wara ftit saret taf li tqila. Tgħid li meta hija qaltlu l-verità dwar il-problema ta' droga li kellha, hu nħasad għaliex ma kienx midħla ta' dawn l-affarijiet u għamlu ftehim li tieqaf u hekk ġara sakemm twieldet it-tarbija. Għalkemm żżewwġu tgħid li wara ftit reġgħet daret għad-droga u wara xi snin ddeċidiet li tidħol tagħmel programm Dar l-Impenn u hemm iltaqgħet mal-konvenut li kien hemm għaliex hu wkoll kellu problema ta' droga.

   Tixhed li kienu bdew jiftħu qalbhom ma' xulxin u qalilha li kien miżżewweġ u kellu żewġt itfal. L-affarijiet bejniethom bdew jidħlu iktar fil-fond u l-attriċi tgħid li bdiet tinġibed lejh. Il-konvenut kien qalilha li l-mara tiegħu kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħra u għalhekk ir-relazzjoni tagħhom ma tantx kienet tajba. Kif ġie biex joħroġ mill-programm taha n-numru tal-mobile tiegħu biex tagħmel

kuntatt miegħu. Tgħid li spiċċat il-programm hi wkoll u marret lura d-dar ma' żewġha u t-tifla, madanakollu baqgħet taħseb fil-konvenut u l-istejjer li kien irrakkontalha fuq ħajtu. Tgħid li għamlet kuntatt miegħu u ltaqgħu u qalilha li qed jorqod fil-garaxx għaliex ir-relazzjoni ma' martu kienet spiċċat.

Tgħid li telqet lir-raġel biex tmur mal-konvenut u dan għalkemm il-ġenituri tagħha pruvaw jiftħulha għajnejha fuq li kienet ser tagħmel. Tgħid li krew kamra l-Isla biex jibdew jgħixu flimkien u minn hemm beda l-abbuż mentali kif ukoll fiżiku. Tgħid li l-konvenut kien jilgħab bis-sentimenti tagħha u jieħu kontroll fuqha. Il-ġenituri tagħha ma riduhiex tibqa' miegħu iżda hi tgħid li bħal kienet imwaħħla miegħu u hemm huma u l-familjari tagħha ma riedux ikellmuha aktar. L-abbuż iggrava għaliex il-konvenut beda jġib il-kokaina d-dar u din kienet tagħmillu ħafna ħsara mentalment u hi bdiet taqla ħafna swat u tgħajjir. Tgħid li meta kienet tgħidlu li se titlaq hu kien jibda jibki u jiskuża ruħhu u jwiegħda li ma jerġax iżda dawn l-affarijiet saru n-norma ta' kuljum u tgħid li kienet saret qisha *robot*, tqis kull kelma li tgħid ma jmurx tgħid xi ħaġa li ma ddoqqlux għaliex taqla' xebgħa tajba. Tgħid li għalkemm kemm-il darba marru l-pulizija u telgħu l-Qorti tant kienet *brainwashed* minnu u familtu u kienet imbeżżża li kienet twaqqa' l-każ kull darba.

Tgħid li kienet mentalment imkissra u għalkemm kienet tipprova toħroġ mill-vizzju l-konvenut kien jara kif jagħmel biex iżommha hemm. Tgħid li mbagħad ħarġet tqila u twieled it-tifel E fit-3 ta' Diċembru 2014. Tgħid li kien jgħidilha affarijiet li ma kienux jagħmlu sens għaliex kien ikun *paranoid* u darba taha xeba għax qalilha li qed jaraha tkellem lil raġel ieħor mis-serpentina tas-sink. Marret l-għassa bit-tifel u s-Surġent li kien draha u kien jgħidilha li ma jixraqilhiex hekk, kien qalilha li ser jeħodha f'*home* bit-tarbija biex tkun il-bogħod mill-konvenut u ma jkollux kontroll fuqha. Tgħid li marret il-*home* sakemm darba filgħaxija membru tal-istaff qalilha li hemm raġel jipprova jiftaħ il-bieb u jgħajjat isimha. Tgħid li l-biża reġgħet rebħitha u għaddiet tiegħu u telqet mill-*home*.

Tgħid li s-swat u l-abbuż komplew u intervjenew l-Aġenzija Appoġġ minħabba t-tifel. Tixhed li ngħatat parir tmur Dar Emmaus ġewwa Għawdex biex tkun il-bogħod mill-konvenut iżda hemm il-konvenut sabha wkoll u tgħid li kliemu kien bħal poeta u kien iġiegħlha temmen li l-affarijiet ser imorru għall-aħjar u jkunu familja. Marret lura d-dar u ftit wara li ġiet Malta kienet fil-karozza mal-konvenut u t-tifel u rċeviet telefonata mingħand ħaddiema soċjali u waqt li qed tkellimha qalet xi ħaġa li ma daqqitx għal widnejn il-konvenut u beda jtiha d-daqqiet u jgħajjarha. Tgħid li waqqgħet il-mobile u pruvat tipproteġi lit-tarbija. Ftit wara ċemplulha mill-Għassa ta' Bormla u daħħluha f'kamra fejn kien hemm erba' pulizija u minn warajhom rat tliet nisa resqin lejha u bdiet titlobhom bil-ħniena ma joħdulhiex lit-tifel għaliex ma kinitx tgħix mingħajru. Kien hemm tieqa tagħti għal tliet sulari għal isfel u tgħid li ppruvat taqbeż bit-tifel u minn hemm marret Monte Karmeli. Mingħajr it-tifel tgħid li ma setgħetx tirraġuna.

Ftit wara ffirmat biex tiġi rilaxxata mill-isptar u użat id-droga biex ittaffi d-dulur li kellha u baqgħet sejra l-Appoġġ biex jgħinuha u reġgħet daħlet l-Isptar Monte Karmeli u bdew joħdulha lit-tifel hemm biex tarah. Tgħid li t-tifel kellu bond kbira magħha u meta kien jiġi biex jitlaq kien jibki bikja li tgħid li għadha tisma sal-lum. It-tifel għamel xi żmien *fostered* u *f'homes* tat-tfal. Daħlet imbagħad programm ġewwa San Blas. Madanakollu tgħid li ma setgħetx issib il-paċi għaliex kienet ġratilha ħafna ħsara u għamlet *overdose* u għamlet xi żmien l-ITU. Ma riditx tgħix mingħajr it-tifel iżda fl-istess ħin ma setgħetx tgħix bit-tifel kif kienet. Minn hemm marret lura Monte Karmeli u mbagħad San Blas. Sadanittant lit-tifel baqgħet tarah u tgħin fil-bżonnijiet tiegħu. It-tifel kien l-unika ħaġa li jagħmilha ferħana u kompluta.

Kif waslet lejn l-aħħar tal-programm tgħid li reġgħet bdiet tiltaqa' mal-konvenut li qalilha li hu għamel il-programm ukoll u li qiegħed bilgħaqal. Tgħid li emmnitu u għalkemm il-familjari tagħha kienu reġgħu bdew jiftħulha l-bibien hija marret lura mal-konvenut u reġgħu għalqulha l-bieb. Wara ftit il-konvenut reġa' beda jġib id-droga d-dar u reġa beda l-abbuż bħal qabel. Tgħid li aħħar

inċident kien meta l-konvenut kien taha xebgħa f'nofs ta' triq f'Wied il-Għajn u minn hemm għenitha mara u staqsietha lil min trid li ċċempel. Ċemplu lil missierha li wara ftit mar mal-Pulizija u taha għażla li jerġa' jilqagħha d-dar iżda li lill-konvenut tinsieh u tieqaf tabbuża mid-droga.

Tgħid li minn hemm bdiet tieħu r-ruħ, bdiet tieħu l-kura, tagħmel ħbieb ġodda u tagħmel xi *courses* biex issib xogħol li jixirqilha. Bdiet ukoll taħdem biex it-tifel jerġa' jingħaqad lura magħha u bniet relazzjoni tajba mal-ħaddiema soċjali F. Tgħid li bdiet tibni dak kollu li kellha mkisser. Tgħid li l-konvenut xorta ma qatax qalbu u baqa' jipprova jagħmel kuntatt magħha iżda din id-darba baqgħet soda. Kif kien ikun taħt l-effett tad-droga kien imur wara l-bieb tad-dar tal-ġenituri tagħha u fi kliemu kien jistenniha biex jagħtiha daqqa ta' sikkina. Hawn iddeċidiet li tmexxi kontrih bil-Qorti u nħarġitilha ordni ta' protezzjoni. Tgħid li hawn il-konvenut qisu nduna li trid tgħix ħajjitha u ħalliha fil-kwiet.

Tgħid li bdiet taħdem u bdiet relazzjoni ma' partner li jaf iħobb u li kien hemm għaliha u għenha kemm felaħ fuq it-tifel. Tgħid li ħasset li ħajjitha bdiet tingħaqad imma kien baqalha l-iktar ħaġa importanti, dik li ġġib it-tifel magħha. Ftit ftit tgħid li beda jmur iktar ħin magħha u kienet teħodlu ħsieb l-affarijiet tal-iskola, il-listi tal-istationery, basket, u anke ikel. Tgħid li kellha relazzjoni tajba mas-sorijiet ta' Saint Rita Home fejn kien hemm it-tifel. Tgħid li bdew juruha iktar fiduċja u bdiet tmur visti l-isptar u laqgħat tal-iskola hi u baqgħet tagħti *urine tests* lill-Caritas biex tkun safe minħabba t-tifel.

Tgħid li mbagħad inqabdet tqila minn mal-*partner* tagħha u E beda jqatta' *weekends* magħhom mingħajr superviżjoni anke biex meta tiġi t-tarbija jkun magħhom *full time.* F'Jannar 2020 waqgħet il-*care order* u E reġa' lura ma' ommu. Tgħid li llum hi u l-*partner* għandhom tifla ħa tagħlaq erba' snin u E li għandu disa' snin. E jaf lil *partner* tagħha minn meta kellu tliet snin u tgħid li għalhekk jafu bħala missier għaliex huwa dejjem għamel dmirijiet ta' missier.

Tgħid li hu għallmu jgħum, l-iskola, jgħin fl-ispejjeż tiegħu u jattendi affarijiet ta' E.

Tixhed li l-konvenut qatt ma ħallas manteniment għal ibnu u ma eżerċitax aċċess għal snin twal. Tgħid li l ħaddiema soċjali kienu jgħidulha li minkejja li huma kienu joffrulu l-visti mat-tifel hu qatt ma wera nteress u qatt ma eżerċita aċċess anke meta E kien *in care.* Tgħid li t-tifel ma jiftakarx lill-konvenut għalkemm jaf li l-partner tagħha mhux missieru bijoloġiku u tibża li xi darba jkun irid l-aċċess għax ifixklu u mhux persuna idoneja.

Tgħid li qed tibni ħajjitha bil-mod, tagħmel xi *courses* biex ittejjeb il-paga u anke daħlet għal-*loan* mal-*partner* tagħha biex ikollhom darhom. Tgħid li mhix kburija bil-passat tagħha iżda kburija b'dak li hi llum.

Fil-mori tressqu s-segwenti xhieda u dokumentazzjoni minn naħa ta' l-attriċi:

i. *Ix-xhieda ta' PC2153 Sacha Vassallo Rivans*[7] *mill-Għassa ta' Bormla* li tippreżenta sitt rapporti li saru mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut.

ii. *Ix-xhieda ta' F G in rappreżentanza tal-Looked After Children*[8] li tgħid li bdiet issegwi lill-minuri E fl-2018 minħabba l-fatt li kien qiegħed taħt *care order* liema ordni kienet ħarġet kontra l-partijiet minħabba l-abbuż ta' droga mill-partijiet u l-abbuż li l-konvenut kien qed jagħmel fuq l-attriċi u li dan kollu xi drabi kien qed jiġri fil-preżenza tat-tifel.

Tispjega li ħadmet ħafna mal-attriċi tul dan iż-żmien u tgħid li l-attriċi ħadmet ħafna u dejjem kienet konsistenti f'ħajjet it-tifel u baqgħet hemm u għamlet ħilitha kollha biex telgħeb il-vizzju sabiex il-minuri jerġa' jmur jgħix magħha. Fil-fatt tispjega li fi Frar 2020

[7] Seduta tas-16 ta' Jannar 2023 a fol. 31 tal-proċess.
[8] Seduta tas-16 ta' Jannar 2023 a fol. 31 tal-proċess.

saret riunifikazzjoni mal-attriċi u wara moniteraġġ tas-sitwazzjoni f'Diċembru 2020 tneħħiet il-*care order* u wara li ħareġ id-digriet f'Marzu 2021 il-każ ingħalaq. Tgħid li t-tifel dejjem kellu relazzjoni tajba ħafna m'ommu u dejjem ried jirritorna magħha. Il-missier sadanittant qatt ma prova jagħmel kuntatt mill-2018 sakemm ġie segwit it-tifel. L-aħħar kuntatt li sar mill-missier mat-tifel kien fl-2018 meta kien għadu qiegħed fi programm imbagħad meta ħareġ mill-programm waqqaf l-aċċess kollu.

*iii.* *Ix-xhieda ta' Stephanie Calafato Testa*[9] *in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti* li ntavolat numru ta' dokumenti li juru proċeduri diversi li ttieħdu fil-konfront tal-konvenut fil-Qrati Maltin.

*iv.* *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza tal-JobsPlus*[10] li jippreżenta *Employment History* tal-partijiet u x-xhud jikkonferma li l-konvenut ilu ma jaħdem mill-2018.

*v.* *Ix-xhieda ta' Kirstey Buttigieg in rappreżentanza ta' CYPS*[11] li tispjega li l-minuri E qed isirlu *assessment* għall-ADHD. Dan il-proċess tgħid li diġà beda u l-pjan huwa li waħda min-nurses ser tkun qed tattendi l-iskola tat-tifel bħala parti mill-assesjar. Tgħid li fl-appuntament tidher li kienet preżenti l-omm u x-xhud tippreżenta l-file relattiv tat-tifel.

*vi.* *Ix-xhieda ta' Nicoletta Farrugia in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas*[12] li tixhed illi l-konvenut daħal f'xelter f'Lulju 2023 u issa ġie promoted San Blas *residential phase.* Jgħid li hemm għandhom bejn sebgħa u tmien xhur u mbagħad jitla' *semi residential* u jitkompla l-programm sakemm jigradwa. Tikkonferma li l-konvenut qiegħed hemm minħabba l-vizzju tad-droga. Tippreżenta wkoll dokument li juri d-dati meta l-konvenut kellu kuntatt mal-Caritas u xi jkun ġara bħal per eżempju meta jieqaf mill-programm.

---

[9] Seduta tas-6 ta' Lulju 2023 a fol. 59.
[10] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2023 a fol. 95a.
[11] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2023 a fol. 95a.
[12] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2023 a fol. 95a.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:*

Għalkemm debitament notifikat bir-rikors ġuramentat il-konvenut ma ntavolax risposta u attenda biss seduta waħda f'dawn il-proċeduri, mhux assistit.

Madanakollu, jiġi preċiżat li ċiò nonostante, il-kontumaċja tal-konvenut dejjem tqieset mill-Qrati tagħna bħala kontestazzjoni tat-talbiet promossi fil-konfront tal-konvenut, u dan ukoll b'omaġġ għall-prinċipju li min jallega jrid jipprova l-każ tiegħu, anke fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni attiv tal-parti l-oħra.

### 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-prinċipju bażilari li jirriżulta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrana b'mod assolutament kostanti, jiġifieri illi l-interess tal-minuri huwa dejjem suprem. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[13]: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża*, ***huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut****..."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[14] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[15] illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Għaldaqstant il-mod kif tiddeċiedi l-Qorti f'dawn il-każijiet dwar it-trobbija tal-ulied, għandu jneħħi kull dubju f'dak li jkun, illi d-deċiżjoni tkun saret wara li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl tal-prinċipju

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[15] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

suprem jiġifieri li kwalsiasi ordni li tingħata mill-Qorti tingħata fl-interess suprem tal-minuri.

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Għalkemm hawn il-liġi titkellem dwar il-"miżżewġin", dan l-obbligu fil-konfront tal-ulied huwa wieħed li jinkombi fuq kull ġenitur anke fuq dawk il-ġenituri li ma humiex magħqudin bir-rabta taż-żwieġ bħal ma hu l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. F'dan ir-rigward infatti l-liġi tagħna hija ċara kif jingħad f'Artikolu 7 tal-Kap 16 illi:

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Il-Qorti għalhekk trid tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tat-tfal ibbażata fuq dan il-prinċipju waħdieni. Dan il-prinċipju ilu jiġi rifless fil-ġurisprudenza tagħna sa minn żmien ilu hekk kif fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[16] il-Qorti kienet qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera'* ***piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli****".*

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

L-Artikolu 131 tal-Kap 16 imbagħad jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri u jistipula illi:

*"(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

Filwaqt li Artikolu 56 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-kunsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.*

*(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.*

*(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5)* ***Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti****."*

Il-Qorti fis-sentenza **A B f'isimha personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintha l-minuri C D vs E D**[17] tgħallem illi: *"Ezami akkurat tal-Artikolu 56 appena citat juri illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni bejn 'IL-KUSTODJA' tal-ulied fuq naha u 'IS-SETGHA TA' GENITUR' jew 'L-AWTORITA' TA' GENITUR' fuq in-naha l-ohra. Fil-Kapitolu 16 il-frazi 'KURA U KUSTODJA' hija uzata biss fit-Titolu li jitratta l-adozzjonijiet.*[18] *Strettament ghalhekk il-Qorti ghandha tiddeciedi* ***fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u cioe' ma' min il-minuri ser tirrisjedi u fit-tieni lok dwar jekk ghandiex iccahhad lil xi hadd mill-genituri mill-awtorita' ossia s-setgha ta' genitur.*** *Il-ligi taghna tipprovdi meta l-Qorti ghandha tnehhi is-setgha ta' genitur minn idejn genitur. Artikolu 154 tal-Kap. 16 jipprovdi illi: "(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu; (b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel; (c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inkluživament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190; (d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel; (e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*Fl-ambitu ta' separazzjoni personali, Artikolu 56 (5) tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-Qorti tista' ccahhad lil xi hadd mill-genituri jew lit-tnejn mill-awtorita' ta' genitur "meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu".*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Legislatur ried li f'kaz fejn iz-zewg genituri mhux ser jghixu flimkien id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar is-setgha tal-genitur tkun aktar wiesa minn dak stabbilit fl-Artikolu 154 supra citat. Ghaliex filwaqt li l-Artikolu 154 jelenka c-cirkostanzi meta s-setgha ta' genitur tista' tigi revokata, l-Artikolu 56 jippermetti li setgha ta' genitur tigi revokata jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikunu hekk jehtiegu. Fost ic-cirkostanzi li l-Qorti f'kazi kongruwi ghandha tiehu in kunsiderazzjoni huwa certament x'inhu l-ahjar interess tal-minuri."*

[17] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Mejju, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 24/2012RGM).
[18] Vide Artikolu 115 (4) (c) tal-Kap. 16.

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili. L-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Artikolu 19 jipprovdi illi

*"(1) fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

Artikolu 54 ikompli jispeċifika illi

*"… omissis …*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …"*

Għalkemm il-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi tal-ġenituri f'kull każ u ma hemmx formola fissa kif jiġi kalkolat il-manteniment, kif ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilità tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[19] Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li jkopri dak provdut f'Artikolu 19.

Fil-każ **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli C[20]**, jingħad: *"l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

Il-Qrati tagħna kienu sensittivi wkoll għal fatt li ġenitur li jkollu l-kura u kustodja ta' wliedu mhux dejjem jista' jaħdem minħabba f'dan il-fatt. Tgħid il-Qorti fis-sentenza **Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella[21]**: *"Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri."*

---

[19] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).
[20] Deciża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).
[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2003.

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[22]

Kif jingħad ukoll fil-kawżi fl-ismijiet **Ottilie Micallef *pro et noe* vs A Joseph Mifsud**,[23] u **Romina Veneziani *noe* vs Dr Marc Sant**,[24] illi: *"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn* ***ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha****"*

**4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba magħmula mill-attriċi sabiex tiġi akkordata mhux biss il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, wild il-partijiet, iżda wkoll li jkollha s-setgħa tal-ġenitur f'idejha, kif ukoll biex il-Qorti tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi wkoll sehem il-konvenut għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni u arretrati ta' manteniment.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni turbulenti mill-bidu tagħha u dan minħabba l-misħut vizzju tad-droga li ma jiswa xejn ħlief għajb u tkissir. Jirriżulta li ż-żewġ partijiet kienu maħkumin minn dan il-vizzju u fil-fatt proprju ltaqgħu waqt programm tad-droga. Mix-xhieda tal-attriċi u mix-xhieda tal-ħaddiema soċjali jirriżulta illi l-attriċi dejjem xtaqet li tirriforma mill-vizzju speċjalment minħabba binha, iżda dejjem sabet lill-konvenut iwaqqaha iktar l-isfel fl-aspetti kollha tal-ħajja.

---

[22] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[23] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 107/2015 AL).
Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 152/2016 AL).

Meta wieħed jaqra x-xhieda tal-attriċi kważi jaqta' nifsu għaliex it-triq għaliha verament kienet twila u tqila, u minflok ma sabet kolonna ta' sostenn fil-konvenut, sabet tfixkil u abbuż. Għalkemm l-attriċi għamlet l-iżbalji tagħha fejn marret kontra kull parir u saħansitra sseparat minn ma' l-ewwel raġel tagħha biex bdiet toħroġ mal-konvenut li kellu hu wkoll il-vizzju tad-droga u baqgħet kull darba terġa' lura miegħu, madanakollu jidher li l-azzjonijiet tagħha kienu sforz tal-karattru dominanti tal-konvenut li bħal ħadha taħt ġwenhajh u rnexxilu jimmanipulaha kif irid.

L-attriċi waqgħet lura fil-vizzju tad-droga għal darba darbtejn tlieta iżda jidher illi fl-aħħar meta ngħaqdet mal-familja tagħha u kellha s-sostenn tagħhom u meta ndunat li l-azzjonijiet tagħha ser ikunu ta' detriment għar-relazzjoni tagħha mat-tifel, qamet fuq tagħha u ħadet ħajjitha f'idejha. Jidher fil-fatt li t-tifel kien id-*driving force* f'ħajjitha u għalkemm it-tifel għadda minn tbatija fl-età bikrija ta' ħajtu meta kien espost għall-azzjonijiet abbużivi tal-konvenut u mbagħad kellu jispiċċa mifrud minn ommu u jiġri bejn *homes* u *foster families*, l-omm, kif tixhed Natalizia Bugeja mil-Looked After Children "*dejjem kienet konsistenti fil-hajja tal-minuri u dejjem baqghet hemmhekk u ghamlet hilitha kollha biex teghleb l-abbuz tad-droga sabiex il-minuri jerha' jmur maghha."*[25] Tidher saħansitra li llum, apparti li għelbet il-vizzju tad-droga, qiegħda taħdem bħala *child carer* u jidher li qiegħda f'relazzjoni stabbli.

Minn naħa l-oħra għalkemm il-Qorti m'għandiex f'idejha l-verżjoni tal-konvenut jidher illi huwa qatt ma kien preżenti fil-ħajja ta' ibnu. Apparti li joħroġ is-sens ta' irresponsabbilità fil-mod kif kien jabbuża mill-omm fil-preżenza tat-tifel, jidher li ftit kien juri li jimpurtah minnu. L-Istess Natalizia Bugeja tixhed illi "*L-involviment tal-missier fis-sentejn li jien kont qed nahdem fuq il-kaz qatt ma kien hemm. Qatt ma pprova jaghmel kuntatt maghna. Ahna pprovajna wkoll naghmlu kuntatt mieghu ghax peress li kien taht ordni tal-Harsien minhabba l-laqghat ta' Caselink u hekk kemm jista jkun lanqas number tieghu, u qatt ma kien involut jew in kuntatt mat-tifel."* Jirriżulta wkoll mir-rapporti tal-Pulizija li l-konvenut kien jisfida anke l-awtorità fejn kien hemm drabi fejn għalkemm mgħajjat l-Għassa ma kienx imur. Dan apparti d-diversi

[25] Fol. 33

allegazzjonijiet ta' abbuż fiżiku u emozzjonali fuq l-attriċi u għalkemm il-Qorti għandha biss rapporti u ma jirriżultawx sentenzi dwarhom, madanakollu jirriżulta mill-proċess li kien hemm ordni ta' protezzjoni li ngħatat għal ħames snin li tipprojbixxi kuntatt tal-konvenut mal-attriċi u l-*partner* tagħha.

Il-konvenut lanqas ma għamel l-ebda talba għall-aċċess tat-tifel jew wera rieda tajba billi għen lill-attriċi finanzjarjament permezz ta' ogħti ta' manteniment għat-tifel. Hija pruvat ukoll kemm-il darba li jerġgħu lura flimkien, anke iktar milli kien messha, iżda kull darba huwa ħassar kull ċans li jkollhom ħajja feliċi flimkien mat-tifel. Għaldaqstant l-attriċi mhux talli kellha tissubixxi abbuż minn naħa tiegħu iżda kellha tieħu fuqha kompletament it-trobbija tat-tifel sakemm waslet biex kellha tistitwixxi dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tħoss b'konvinċiment illi l-konvenut missier abbanduna għal kollox lil ibnu u ma weriex farka interess fih kemm ilu li twieled apparti li lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tiegħu. Il-fatt ukoll li l-konvenut għażel li ma jipparteċipax f'dawn il-proċeduri huwa, iżjed milli dispett lejn l-awtorità tal-Qorti, prova oħra tad-diżinteress tiegħu lejn ibnu, u jsaħħaħ f'dan is-sens il-verżjoni attriċi.

Mill-*employment history* tal-konvenut jidher li l-konvenut ilu ma jaħdem mill-2018 u għalhekk lanqas qed jaġixxi b'mod responsabbli finanzjarjament. Għalkemm ma semgħet ebda provi konkreti min-naħa tal-konvenut, jirriżulta bl-aktar mod ċar li kienet l-attriċi li dejjem assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri u l-konvenut ma kienx ħlief influwenza negattiva fuq l-attriċi u iben il-partijiet. Barra minn hekk huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi l-aġir *da parti* l-konvenut fil-konfront ta' l-attriċi u ibnu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fil-konfront tat-tifel.

Kif diġà ġie rilevat aktar 'il fuq, kawżi simili għal dik odjerna iridu jiġu deċiżi neċessarjament fid-dawl tal-prinċipju tal-aħjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **M. Bonnici**

**vs Onor J. Raynaud**[26] fejn gie dikjarat li "*Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal*"

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri E għandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha *in vista* tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni u ma hux għaqli li jkun hemm kuntatt bejniethom. Huwa ċar għal Qorti li l-attriċi għandha interess f'binha, kif jixhed ukoll il-fatt li ħadet interess tintavola din il-kawża, mentri l-konvenut missier ma wera interess ta' xejn. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**,[27] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom".* Il-Qorti xorta waħda tieħu l-opportunita, speċjalment fid-dawl tar-rapporti preżentati mic-CYPS dwar it-tifel, illi twissi lil omm sabiex tibqa' tassigura l-istabbilità u l-benesseri tiegħu u li żżomm f'moħħha li kull pass li tagħmel hi ser jaffetwa l-iżvilupp tat-tifel li diġà kellu jgħaddi minn ħafna tbatija f'ħajjtu.

*In vista* li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza dan qed jgħix magħha, il-konvenut għandu *de minimis* jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Kif intqal fis-sentenzi kkwotati min jitlob manteniment għandu jġib prova tal-bżonn f'forma ta' lanqas ta' prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti. Xejn minn dan ma ġie ppreżentat f'dan il-każ u lanqas l-attriċi ma xehdet fuq il-bżonnijiet tat-tifel partikolari tagħha. Fid-dawl ta' nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti tinsab marbuta dwar kemm għandu jkun il-manteniment li għandu jivversa l-konvenut. Għalhekk, fid-dawl ta' dak ċitat, il-Qorti tordna lill-

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[27] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsin Ewro (€50) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u **b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar għal minuri E**, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer*. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-Children's Allowance, għandu jkunu perċepibbli mill-attriċi.

Il-Qorti tħoss li t-talba tal-attriċi dwar l-arretrati tal-manteniment mill-mument li l-minuri mar jgħix magħha u *ċioé* minn Frar 2020 għandha tiġi milqugħa u dan għaliex ma ġie kontradett bl-ebda mod illi l-attriċi rabbiet lill-minuri weħedha mingħajr farka sostenn finanzjarju minn naħa tal-konvenut.  Mingħajr prova ta' nfiq il-Qorti ser takkorda l-istess somma ta' manteniment kif deċiża mill-Qorti hawn fuq u ċioé dik ta' **tliet mitt Ewro (€300) kull xahar li tinkludi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni** u peress li l-minuri mar jgħix mal-omm fi Frar 2020 din l-ordni ta' arretrati għandha tibda tgħodd minn dakinhar u għalhekk is-somma ta' tliet mitt Ewro (300) kull xahar għandha tibda tingħata minn Frar 2020.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika kkwotata iktar qabel li tagħmel distinzjoni bejn il-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur u l-kura u kustodja u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser ta' bilfors illi tali ġenitur ikun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur.

Fil-każ odjern u ġialadarba l-aġir tal-konvenut mar għal kollox kontra l-aħjar interess ta' ibnu filwaqt li qatt ma wera interess fih jew għamel talba sabiex b'xi mod juri l-Qorti li jinteressah jibni relazzjoni ma' ibnu, il-

Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommu ikollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma ta' missieru. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li l-preżenza tal-missier ħa toħloq iktar instabbilità f'ħajjet it-tifel li hija proprju l-ħaġa li t-tifel m'għandux bżonn għalkemm bħala regola ġenerali l-Qorti temmen li ż-żewġ ġenituri huma important f'ħajjet it-tfal. Għaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tafda s-setgħa esklussiva ta' ġenitur tal-minuri E D B f'idejn l-attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri E D B tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi b'dan illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji liem deċiżjonijiet jinkludu *inter alia* l-ħruġ u tiġdid ta' passaporti kif mitlub;

4. Tilqa' r-raba', il-ħames, is-sitt u l-għaxar talba u tordna illi l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsin Ewro (€50) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu

jħallas lill-attriċi total ta’ tliet mitt Ewro (€300) kull xahar għall-minuri E, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f’kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta’ *bank transfer*. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa’ jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-Children’s Allowance, għandu jkunu perċepibbli mill-attriċi.

5. Tilqa’ s-seba’, it-tmien u disa’ talba u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli li jħallas arretrati ta’ manteniment u spejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni minn Frar 2020 u tordna li l-konvenut għalhekk iħallas is-somma ta’ tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar minn Frar 2020 sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat bħala arretrati ta’ manteniment.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.